# Zewg Poeziji ta' Puxkin

***maqlubin għall-malti minn MARĊELL MIZZI***

## ~~T I F K I R I E T~~

~~*Xħin għall-bnedmin l-oħrajn jiskot il-għagħa tal-ħum*~~
~~*u fit-triqat ħemdin beltija*~~
~~*ħajta dawl ħajta dlam jinżel id-dell tal-lejl*~~
~~*u n-ngħas, nessej ta' kull tbatija,*~~
~~*għalija dak il-ħin joħorġu nkissinkiss*~~
~~*is-sigħat twal bla rqad u sabar;*~~
~~*fis-sikta ta' billejl aktar jinħass l-uġigħ*~~
~~*ta' qalb, il-hemm aktar jinġabar;*~~
~~*jikber il-waħx u ġewwa l-moħħ mifni w għajjien*~~
~~*tross rassa ħsieb u niket w għali;*~~
~~*il-fakra bla kliem xejn tiftaħ quddiemi l-ktieb*~~
~~*fejn hemm imniżel kulma ġrali;*~~
~~*u waqt li kontra qalbi naqra t-tifkiriet,*~~
~~*nirtogħod u nisħet bħal imjassar*~~
~~*u ngemgem u nitbeżża' u nxerred dmugħ ta' mrar,*~~
~~*imma l-miktub qatt ma jitħassar.*~~

## TLITT EGĦJUN

*Fid-deżert kiefer ta' bla tarf tad-dinja*
*ħadd ma jaf kif iġelbnu tlitt egħjun:*
*għajn iż-żgħożija — għajn tfawwar qalila,*
*fix-xemx tirgħi u tleqq u qatt fit-tjun;*
*il-għajn tal-poeżija l-għatx ittaffi*
*ta' l-imtarrfin ġe dan il-wied tad-dmugħ;*
*it-tielet għajn — il-għajn friska tan-nisi,*
*hi l-ehla fosthom, tfejjaq mard ir-ruħ.*